# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 9.7

## Kap 9: Il-familja kbira tiegħi

## Lezzjoni 9.7: L-Għemejjel tal-Ħniena li jolqtlu lill-ġisem

### L-għanijiet:




L-istudenti:

1. jiddiskutu diversi modi kif huma jistgħu jgħinu lil ħaddieħor.
2. jitgħallmu dwar l-Għemejjel tal-Ħniena li jolqtu lill-ġisem li bħala tfal jistgħu jattwaw.
3. jaraw permezz ta' eżempji prattiċi kif jistgħu jgħixu dawn l-Għemejjel tal-Ħniena.

### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Prezi Presentation: L-Għemejjel tal-Ħniena li jolqtu l-Ġisem (Link: http://prezi.com/p-znvjgfverg/l-gemejjel-tal-niena-li-jolqtu-l-gisem/ )
- Youtube clip: "One Day" (diġa' inkluża fil-Prezi Presentation) http://youtu.be/nwAYpLVyeFU
- Worksheet 9.7



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi turi l-ewwel slide tal-Prezi presentation li fiha l-video clip "One Day". Ħalli lill-istudenti jarawh fil-kwiet.
- Permezz ta' xi domandi ibni diskussjoni qasira mal-istudenti dwar il-video clip.
- Staqsi:
  - *X'rajtu jiġri f'dan il-video clip?*
  - *Kif taħsbu li ħassewhom il-persuni li taw l-għajnuna lil ħaddieħor?*
- *Fil-lezzjoni tal-lum ser nisimgħu u niddiskutu kif aħna nistgħu ngħinu lill-oħrajn fl-affarijiet li jolqtu l-ġisem.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Kompli uri s-slides tal-Prezi Presentation.
2. Waqt li turi s-slides tista' tinvolvi lill-istudenti billi titlobhom jagħtu xi eżempji għal dak li jkunu qed jaraw u jisimgħu.
3. Stieden lill-istudenti jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 9.7 u wara li tispjega s-silta, bħala klassi ddiskuti Attività 1.
4. Asal għal Attività 2 fejn stieden lit-tfal biex jimlew fil-post addattat il-kliem mogħti.
5. Risposta:

   a) tagħmlu; żgħar; miegħi
   b) Henjin; ħniena
   ċ) tazza; dixxiplu; ħlas



6. Asal għal Attività 3. Enfasizza l-importanza tal-ħniena biex ngħixu aħjar u biex inħobbu lil Ġesù.
7. Spiċċa l-lezzjoni billi terġa' turi l-video clip "One Day".

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Ġesù jgħallimna li aħna għandna nħennu u ngħinu lil kull min ikun fil-bżonn għax meta nagħmlu hekk, inkunu qed ngħinu lil Ġesù stess.
2. Ġesù ma jridniex inkunu qalbna iebsa ma' xulxin. Ma jridniex inpattuha lil min jagħmlilna l-ħsara.
3. Ġesù jridna naħfru u nsellfu minn dak li jkollna.



4. Aħna nistgħu nħennu għall-oħrajn billi ngħinuhom fil-ħwejjeġ li jolqtu l-ġisem.
5. L-għemejjel tal-ħniena li jmissu l-ġisem huma naghti minn dak kollu li għandna biex ħaddieħor ikun sew, ikollu x'jiekol, x'jilbes, ma min jitkellem, edukazzjoni xierqa.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-tfal juru li għalkemm għadhom żgħar huma jħennu u li jgħinu lill-oħrajn.

## Nitolbu

Mulej Ġesù, illum urejtna li meta aħna nħennu u ngħinu lill-oħrajn inkunu qegħdin ngħinu lilek stess. Għinna nagħmlu ħilitna biex meta nkunu se naqtgħu qalbna milli nħennu għal ħaddieħor niftakru li dak li nagħmlu nkunu qed nagħmluh miegħek stess.

Ammen.

